Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1522

3.7.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1522

## tal-4 ta' Ġunju 2026

## dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 85, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) L-Artikolu 47(1) u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jipprevedu li l-Eurojust tista' tistabbilixxi u żżomm kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi abbażi ta' strateġija ta' kooperazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 56(2)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1727, l-Eurojust tista' tittrasferixxi *data* personali lil awtorità ta' pajjiż terz dment li, fost l-oħrajn, ftehim internazzjonali ġie konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.

(3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2705 [3], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ("il-Ftehim") ġie iffirmat fit-2 ta' Diċembru 2025, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

(4) Il-Ftehim jippermetti t-trasferiment ta' *data* personali bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Libaniża, bl-għan li jiġu miġġielda l-kriminalità serja u t-terroriżmu u tiġi protetta s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.

(5) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġuststabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, rispettivament. B'mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta' *data* personali ttrasferita mill-Eurojust skont il-Ftehim.

(6) Skont l-Artikolu 218(7) TFUE, huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova f'isem l-Unjoni l-modifiki tal-Annessi I, II, u III tal-Ftehim, biex taqbel dwar il-modalitajiet għall-użu kontinwu u l-ħżin tal-informazzjoni li diġà ġiet ikkomunikata bejn il-Partijiet skont il-Ftehim, u taġġorna l-informazzjoni dwar id-destinatarju tan-notifiki.

---

[1] Approvazzjoni tal-20 ta' Mejju 2026 (għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, (ĠU L 295, p. 138, 21.11.2018).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2705 tal-10 ta' Ottubru 2024 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Libanu, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali tar-Repubblika tal-Libanu (ĠU L, 2024/2705, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2705/oj).

(7) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-Opinjoni tiegħu 19/2024 fit-28 ta' Awwissu 2024.

(10) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat.

(11) F'konformità mat-Trattati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 29(2) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi, f'isem l-Unjoni, biex tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 29(2) tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-approvazzjoni tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

*Artikolu 3*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 30(2) tal-Ftehim, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar il-modifiki tal-Annessi I, II u III tal-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 33(3) tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li taqbel, wara konsultazzjoni mal-Kunsill, dwar il-modalitajiet għall-użu kontinwu u l-ħżin tal-informazzjoni li tkun diġà ġiet ikkomunikata bejn il-Partijiet skont il-Ftehim.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 34(2) tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata taġġorna l-informazzjoni dwar id-destinatarju tan-notifiki wara konsultazzjoni mal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ġunju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. FITIRIS